MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 155/2000/1

Rikors Nru: 155/2000

Vincent Curmi nor

Vs

Joseph u Theresa konjugi Abela

Il-Bord,

Ra r-rikors ta Vincent Curmi nor li jesponi bir-rispett;

Illi r-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija, permezz ta digriet ta dan l-Onorabbli Bord moghti fil-11 ta' Ottubru 2001 gie mholli sine die riappuntabbli b'rikors fi zmien xahar minn meta l-proceduri quddiem il-Qrati jghaddu res judicata.

Illi l-proceduri li saret referenza ghalihom fil-fuq imsemmi digriet huwa dawk mibdijja mir-rikorrent quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Civili (Citazz Nru 1209/01TM) fl-ismijiet

Vincent Curmi noe vs Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

Illi l-mertu ta dawn il-proceduri jittratta proprju dwar diversi Requisition order li kienu mahruga mid-Dipartiment ta l-Akkomodazzjoni Socjali u fosthom dik bin-numru RO 23273 fuq il-fond bin-numru 5, 173, Triq ir-Repubblika Valletta. Il-fond 173/5 jinsab mikri ghand l-intimat u huwa proprju l-meritu tal-proceduri odjerni.

Illi dan il-fond issa gie derekwizizzjonat mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali kif jidher mill-ordni ta derekwizizzjoni hawn annessa u mmarkata Dok VC1, u b'hekk il-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ser tigi ceduta peress illi l-meritu taghha huwa ezawrit.

Illi ghaldaqstant din il-kawza odjerna issa tista terga tigi rijappuntata sabiex titi mismugha u finalment deciza minn din l-Onorabbli Bord, kif huwa fil-gurisdizzjoni tieghu li jaghmel, u dan peress illi issa l-fond in kwistjoni m'ghadux rekwizizzjonat.

Ghaldaqstant ir-rikorrent nomine jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghogbu, a tenur ta dak fuq sottomess, jerga jirrijappunta l-kawza fl-ismijiet fuq premessi u jerga jqeghda fuq il-lista tal-kawzi sabiex tigi mismugha u finalment deciza skond il-ligi.

Ra r-risposta ta' Joseph u Theresa konjugi Abela li jesponu bir-rispett:

Illi huma jaqblu ma l-ewwel premessa tar-rikors promotur.

Illi mhux minnu li l-inkwilini ma ghadhomx jaghmlu uzu mill-fond skond id-destinazzjoni originali tieghu. Di piu huma ghadhom jonoraw il-kundizzjonijiet kollha tal-kera kemm fuq il-ftehim originali kif ukoll fuq dak kollu li tistabilixxi il-ligi tal-kera u

Illi fuq dak kollu premess ma hemmx raguni valida ghaliex il-Bord ghandu jilqa t-talbiet tar-rikorrent ghar-ripresa tal-fond taht artikolu 9(a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta Malta.

Illi in oltre il-fond huwa rekwizizzjonat mill-Gvern ta Malta bin-numru RO 23273 u ghaldaqstant ir-rikorrent ma jista qatt jitlob ir-ripresa tal-pussess fond peress illi is-sid huwa spussessat bl-istess ordni ta rekwizizzjoni f'idejn il-Gvern ta Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra l-verbal tal-10 ta Gunju 2004

Billi l-process dam xi zmien mitluf hemm hafna dokumenti doppji.

Ikkonsidra,

1. Irrizulta li permess ta ordni ta rekwizizzjoni tal-20 ta Dicembru 1965 is-Segretarju tad-Djar (illum Direttur ta l-Akkomodazzjoni Socjali) ha pussess tal-fond. Dan gie allokat lil Assunta Abela omm l-intimat. Fil-15 ta Jannar 1968 l-ordni ta rekwizizzjoni tnehhiet imma regghet harget fit-8 ta Mejju 1973. Waqt il-mori ta dan ir-rikors, wara digriet moghti mill-Bord, fil-5 ta Lulju 2001 giet prezentata kawza quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fejn inter alia intalbet ir-revoka ta l-ordni ta rekwizizzjoni. Il-fond gie derekwizizzjonat fl-10 ta Marzu 2003 u l-kawza quddiem l-imsemmija Qorti giet ceduta u r-rikors rega gie appuntat. Sar zball minn naha ta l-amministrazzjoni tal-qrati tal-gustizzja meta meta ddikjarat il-kawza dezerta fl-1 ta Lulju 2002 billi skond digriet moghti mill-Bord fil-11 ta Ottubru 2001 il-kawza kellha tigi riappuntata billi jsir rikors fi zmien xahar min meta l-proceduri quddiem il-Prim Awla jsiru 'resjudicata'. Fuq dan il-partijiet jaqblu.

2. l-intimati qed jissottomettu li la meta gie prezentat ir-rikors fit-28 ta Novembru 2000 il-fond kien rekwizizzjonat u d-derekwizizzjoni harget wara li s-sid ma

jistax japplika il-jeddijiet tieghu. Il-qaghda deciziva hi dik li kienet fil-jum tal-prezentata tar-rikors.

3. L-intimati ghamlu referenza ghas-sentenza in re "Gera de Petri vs Direttur ta l-Akkomodazzjoni Socjali et" (P.A. per Philip Sciberras 27/1/03). F'dik is-sentenza intqal:

"il-functum temporis" tal-'kontinwata okkupazzjoni' jaf il-bidu tieghu meta l-appartament gie derekwizizzjonat ……. Li jfissr allura illi min dak il-jum il-quddiem il-fond ma baqax fil-pussess u disponibilita tal-konvenut Direttur ta l-Akkomodazzjoni Socjali u s-sid setghet liberament tipprocedi biex tiehu l-pussess ta hwejjigha. Dan jimmilita kontra s-sottomissjonijiet ta l-intimati. L-istess jinghad ghas-sentenza imsemmija "Zahra vs Chircop". Il-gurisprudenza hi bil-kuntrarju (ara "Gauci et vs Mizzi noe, 19/5/47, Vol XXXIII-1-65. "Camilleri et vs Busutttil, 23/6/94," appell inferjuri; u Bord li jirregola l-kera "Xuereb noe vs Mamo et", 23/10/02.

4. Gialadarba d-Dipartiment tad-Djar nehha l-ordni ta rekwizizzjoni ir-rikors jista jitkompla jinstema sa fejn jidhol dan il-punt. Izda jirrizulta li hemm dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali ghall-akkwist tal-fond ghall-skopijiet pubblici (illum Kap 88 tal-Ligijiet ta Malta qabel Kap 136) – 7 ta Dicembru 1973 iffirmata fit-30 ta Novembru 1973.

5. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta l-Appell in re 'Aquilina vs Ministru ta l-Ambjent (8/6/01) fejn intqal:

"bhala effett dirett u inevitabbli tad-Dikjarazzjoni tal-President li biha jintima l-intenzjoni tal-esproprju ghal skop pubbliku, il-Gvern jakkwista fuq l-immobbli esproprjat drittijiet li ordinarjament imissu d-'dominus'. Dan ifisser illi sid il-propjeta jigi ezawtorat ghal kollox min kull jedd fir-rigward tal-pussess u tad-disponibilita materjali taghha. Disponibilita materjali li ma testendix ukoll ghad- dritt tat-trasferiment taghha naturalment soggett ghall-fattur gdid ta l-esproprju u tal-limitazzjoni li dar necessarjament timplika……..Bhala konsegwenza ta l-esproprjazzjoni l-Gvern effettivament kien qieghed jerroga ghalih il-jus

utendi et abutendi, naturalment dejjem limitatament tad-dritt ta pussess u mhux ta propjeta"  (Ara wkoll sentenza moghtija mill-Bord in re "Seychell vs Tanti", 7/7/03)

6. Ghalhekk il-Bord qed iqajjem l-inkompetenza tieghu li jiehu konjizzjoni tal-kaz u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------